MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 2383/2002

**Mercieca Furnishings Limited**

**vs**

**Stars and Fans Limited**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta'  tlett mitt Lira Maltin (Lm300) bilanc ta' prezz ta' ghamara mibjugha u konsenjata lis-socjeta' konvenuta liema ammont gie offrut mill-istess socjeta' konvenuta permezz ta' tlett cekkijiet, li pero` ma gewx onorati.  Ghalhekk is-socjeta konvenuta ghandha thallas l-istess ammont prevja d-dikjarazzjoni li dan l-ammont huwa dovut.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta' l-ittra legali ta' l- 20 ta' Awissu, 2002.

Ra li s-socjeta konvenuta baqghet ma pprezentatx rispsota ghalkemm debitament notifikata;

Sema' lil Dr. Kris Busietta jikkonferma bil-gurament li l-ammont ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici bl-ispejjes u bl-interessi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------